



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.9.2011
KUMM(2011) 568 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Komunikazzjoni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-
Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali**

1. INTRODUZZJONI

Il-volontarjat jorloq kapital uman u soċjali. Huwa triq li twassal għall-integrazzjoni u l-impjeg u fattur ewlieni fit-titjib tal-koeżjoni soċjali. U l-ewwel u qabel kollox, il-volontarjat isarraf f'azzjoni tanġibbli l-valuri fundamentali ta' ġustizzja, solidarjetà, inklużjoni u ċittadinanza, li fuqhom hija mibnija l-Ewropa. Il-volontiera jgħinu fit-tiswir tas-soċjetà Ewropea, u l-volontiera li jaħdma barra minn pajjiżhom qed jieħdu sehem attiv fil-bini ta' Ewropa taċ-Ċittadini¹. Tabilħaqq, il-ħidmiet tal-volontarjat huma magħqudin impliċitament ma' għadd kbir ta' oqsma politiċi tal-Unjoni Ewropea – bħalma huma t-tagħlim tul il-ħajja, l-iżvilupp rurali u l-isports – fejn iżidu dimensjoni ta' valur lill-programmi tal-Unjoni Ewropea.

Għal dan kollu u għal raġunijiet oħrajn, is-sena 2011 ġiet magħżula bħala s-sena Ewropea għall-ħidma Volontarja li tippromwovi ċ-Ċittadinanza Attiva². Is-Sena Ewropea tagħti l-opportunità biex tiżen il-qagħda tal-volontarjat fl-Unjoni Ewropea u l-kontribut tiegħu lis-soċjetà. Tippermetti wkoll li l-Kummissjoni tivvaluta dak li jistgħu jagħmlu l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jiffaċilitaw u jippromwovu l-volontarjat, partikolarment f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

Wara din il-Komunikazzjoni, u qabel tmiem l-2012, jiġi ppreżentat rapport ta' stima dwar ir-riżultati tas-Sena quddiem il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni.

1.1. Id-definizzjoni u l-qagħda dwar id-dejta

Fil-qasam tal-volontarjat, kull pajjiż għandu l-ideat, id-definizzjonijiet u t-tradizzjonijiet tiegħu. Il-volontarjat huwa ddefinit bħala kull forma ta' attività volontarja, kemm dik formali kif ukoll dik li mhijiex. Il-volontiera jaħdmu bil-volontà tagħhom, skont l-għażliet u l-motivazzjonijiet tagħhom, u ma jfittxux li jagħmlu qliegħ finanzjarju. Il-volontarjat huwa mezz ta' solidarjetà u mod li bih l-individwi u l-assoċjazzjonijiet jistgħu jidentifikaw u jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-kwistjonijiet soċjali u ambjentali. Din il-ħidma ta' spiss titwettaq b'appoġġ għal xi organizzazzjoni li ma jkollhiex skop ta' qliegħ jew għal xi inizjattiva komunitarja³.

Ġie stmat minn studju li sar fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni li fl-2010 kien hemm madwar 100 miljun Ewropej imdaħħlin f'ħidmiet volontarji. Miġbura f'din iċ-ċifra totali, il-parteċipazzjoni tan-nies fil-volontarjat tvarja ħafna madwar l-UE⁴.

F'għadd kbir ta' Stati Membri, l-iżjed nies li huma attivi fil-volontarjat huma l-adulti ta' bejn it-30 u l-50 sena, iżda n-numru ta' volontiera ta' etajiet iżgħar u ikbar qiegħed jizjed madwar l-UE.

Il-volontarjat isir f'ħafna setturi. L-iżjed qasam li hemm volontarjat għalih huwa l-isports, u warajh jiġu l-kura soċjali, il-welfare u s-saħħa. Setturi oħra jinkludu l-ġustizzja, il-kultura, l-

¹ Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE – Inżarmaw l-ostakli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE - COM(2010) 603 finali tas-27 ta' Ottubru 2010.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 37/2010/KE tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva (2011), ĠU L 17, 22.1.2010, p.43-49.

³ *Ibid.*

⁴ "Volunteering in the European Union" (GHK 2010).

edukazzjoni, iż-żgħażaġh, l-ambjent u l-ħidma dwar il-klima, il-ħarsien tal-konsumaturi, l-għajnuna umanitarja, il-politika dwar l-iżvilupp, u l-opportunitajiet ugwali.

Il-volontarjat għandu wkoll impatt qawwi lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Il-volontarjat transkonfinali għandu potenzjal kbir għall-edukazzjoni, l-impjiegi u ċ-ċittadinanza. Jista' wkoll iġib 'il quddiem il-ftehim reċiproku u jagħti kontribut għall-iżvilupp ta' identità Ewropea aktar b'saħħitha.

1.2. L-isfidi għall-volontarjat

Fuq studju ta' tmien pajjiżi industrijalizzati magħmul mill-Università Johns Hopkins⁵ u abbażi tal-esperjenza sa issa tas-Sena Ewropea 2011, aħna identifikkaw li x-xkiel potenzjali għall-volontarjat, partikolarment dak transkonfinali, huwa dan li ġej:

- **Nuqqas ta' qafas legali ċar:** Kważi wieħed minn kull ħames Stati Membri ma għandux qafas legali u regoli ċari dwar il-volontiera u l-volontarjat.
- **Nuqqas ta' strateġiji nazzjonali għall-promozzjoni tal-ħidmiet volontarji:** Jeħtieġ li jiffasslu l-istrateġiji nazzjonali biex ikopru l-aspetti li ġejjin: it-taħriġ, il-benefiċċji għall-btajjel, is-sigurtà soċjali, l-intitolament għall-benefiċċji tal-qgħad għall-ħidmiet ta' volontarjat transkonfinali, l-akkomodazzjoni u r-rimborż ta' spejjeż li jagħmlu l-volontiera minn bwiethom.
- **Restrizzjonijiet finanzjarji:** Filwaqt li l-volontarjat jingħata bla ħlas, dan mhux mingħajr spejjeż. L-organizzazzjonijiet li jagħmlu ħidma volontarja ta' sikwit ma jkollhomx finanzjament sostenibbli, u l-kompetizzjoni għall-fondi disponibbli hija ħarxa.
- **Nuqqas ta' qbil bejn id-domanda u dak li jingħata:** Ix-xejra lejn il-profizzjonalizmu fis-settur tal-volontarjat qegħda tikkawża nuqqas ta' qbil bejn il-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u l-aspirazzjonijiet tal-volontiera l-ġodda. Il-volontiera jkunu disponibbli għal proġetti li jistgħu jsiru fuq medda qasira ta' żmien, filwaqt li l-organizzazzjonijiet jeħtieġu nies li jikkommettu rwieħhom għal żmien twil.
- **Nuqqas ta' rikonoxximent:** Il-ħiliet li jitgħallmu l-volontiera permezz tal-ħidmiet volontarji mhumiex dejjem rikonoxxuti u stmati.
- **Taxxi li jservu ta' xkiel:** L-Istati Membri jagħtu trattamenti differenti tat-taxxa fuq l-introjt jew il-konċessjonijiet tal-volontiera u fuq ir-rimborż tal-ispejjeż li dawn ikunu għamlu waqt il-ħidma ta' servizz tagħhom. Għaldaqstant, il-volontiera jistgħu jiffaċċaw taxxi li jservu ta' xkiel meta l-ħidma tagħhom tkun transkonfinali.
- **Nuqqas ta' dejta:** Dejta dwar il-volontarjat li tkun tista' tiġi mqabbla iżjed faċilment bejn l-Istati Membri tkun tista' tgħin fl-identifikazzjoni tal-aħjar prassi u ttejjeb it-tfassil tal-politiki.

⁵ "Volunteering in the European Union" (GHK 2010).

L-Istati Membri għamlu kemxejn progress fuq dawn il-kwistjonijiet fl-2006 meta kkommettew rwieħhom li jikkooperaw biex jegħlbu t-tfixkil li, direttament jew indirettament, ixeġkel il-mobbiltà għall-għanijiet ta' taġlim jew żvilupp professjonali taċ-ċittadini tal-UE, inkluż il-volontarjat⁶. Iżda għad fadal ħafna xi jsir. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-promozzjoni ta' ambjent ta' ħidmiet volontarji li jipprovdi opportunitajiet ugwali ta' aċċess u parteċipazzjoni lil kull individwu.

1.3. Il-valur miżjud tal-volontarjat

Il-volontarjat jikkontribwixxi lejn l-istrateġija tat-tkabbir Ewropa 2020⁷, b'mod partikolari lejn il-mira ta' rata ta' impjeg ta' 75 % sal-2020, billi jgħin lin-nies jitgħallmu ħiliet ġodda u jaddattaw għat-tibdiliet fis-suq tax-xogħol. Fl-istudju msemmi qabel, magħmul mill-Università Johns Hopkins, instab li s-settur volontarju jista' jikkontribwixxi sa 5 % tal-Prodott Domestiku Gross⁸. Dan jista' jkun ta' siwi fi żminijiet ta' diffikultà ekonomika u ta' awsterità. Permezz tal-volontarjat, tiżdied is-solidarjetà ukoll meta n-nies jitgħallmu jaddattaw għat-tibdil teknoloġiku, għall-globalizzazzjoni u għall-popolazzjoni li qiegħda tixjiej.

Il-volontarjat jikkontribwixxi direttament lejn l-għanijiet tal-politiki tal-UE bħalma huma l-inklużjoni soċjali, l-impjegi, l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u ċ-ċittadinanza. L-effetti pożittivi tiegħu huma kkonfermati minn indikaturi ġodda li jqsu l-koeżjoni soċjali jew l-hena, kemm il-volontiera jħossu rwieħhom parti minn komunità, l-attività u benessri tagħhom⁹. Dan japplika għall-volontarjat f'oqsma ta' intensività tal-għarfien, bħalma huma l-edukazzjoni u r-riċerka, inkluż fil-kooperazzjoni internazzjonali.

L-involviment tal-Unjoni Ewropea fi kwistjonijiet ta' volontarjat iġib miegħu benefiċċji tanġibbli. Dawn jidhru l-iżjed fil-promozzjoni tal-volontarjat transkonfinali u fil-mobbiltà tal-volontiera fl-Unjoni Ewropea. B'mod iżjed ġenerali, l-Unjoni Ewropea tista' tkun katalista għall-iżvilupp tal-politika dwar il-volontarjat fis-snin li ġejjin, u dan, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jsir fil-livell tal-Istati Membri minħabba l-prijoritajiet nazzjonali u l-miri strateġiċi ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-għaxar snin li ġejjin.

Il-kapitolu li jmiss jagħti taqsira ta' kif il-Kummissjoni tappoġġa fil-preżent is-settur tal-volontarjat, u ta' kif biħsiebha tindirizza l-kwistjonijiet li jqumu fil-futur.

2. IL-POLITIKI EWROPEJ U L-VOLONTARJAT

2.1. Opportunitajiet ta' finanzjament mill-UE għall-volontarjat

L-istituzzjonijiet Ewropej ilhom li rrikonoxxew l-importanza tal-organizzazzjonijiet volontarji li jippermettu lin-nies li jroddu servizz lill-komunitajiet tagħhom u li jipprovdu l-

⁶ Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-mobbiltà transnazzjonali fi ħdan il-Komunità għal finijiet ta' edukazzjoni u taħriġ: Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobbiltà, 2006/961/KE.

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020 finali tat-3 ta' Marzu 2010.

⁸ "[Measuring Civil Society and Volunteering](#)" (Johns Hopkins University 2007).

⁹ Cf. S. Hossenfelder, On the problem of measuring happiness, (it-3 ta' Frar 2011). Disponibbli mingħand SSRN: <http://ssrn.com/abstract=1754423> li jirreferi wkoll għar-riċerka tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-kejl tal-prestazzjoni ekonomika u tal-progress soċjali li ġiet stabbilita mill-President Françiz fl-2008, u l-metodu riċenti tal-Uffiċċju Brittaniku għall-Istatistika Nazzjonali biex titkejjel il-benessri tan-nies.

opportunitajiet liċ-ċittadini biex jieħdu sehem f'kundest iżjed wiesa' Ewropew. Fil-preżent l-UE toffri opportunitajiet ta' finanzjament għall-volontiera u għall-ħidmiet volontarji fil-programmi li ġejjin:

Fil-programm "Iż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni"¹⁰, is-Servizz Volontarju Ewropew (SVE) joffri l-opportunità liż-żgħażaġh ta' bejn it-18 u t-30 sena li jwettqu x-xogħol volontarju għal perjodu ta' żmien sa 12-il xahar barra minn pajjiżhom. Minbarra li dan huwa ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali, is-Servizz Volontarju Ewropew joffri l-opportunità lill-volontiera li jittgħallmu ħiliet ġodda, jittgħallmu l-lingwi u jiskopru kulturi differenti.

Is-Servizz Volontarju Ewropew ta l-opportunità lil Costica, Rumen ta' 27 sena li għandu diżabilità tal-vista, l-opportunità li jgatta' erba' xhur u nofs bħala volontier fl-iskola IRHOV għal tfal b'diżabilità tal-vista fi Liège fil-Belġju. Costica mexxa l-workshops dwar l-isports u l-kultura għat-tfal u rnexxielu jiżviluppa ħiliet personali, soċjali u professjonali permezz ta' din l-esperjenza. Fl-istess ħin, Costica ta sostenn importanti lill-komunità li kienet qed tospitah għaliex serva ta' mudell għat-tfal b'diżabilità tal-vista u ta' ispirazzjoni għall-ġenituri tagħhom u għall-persunal tal-iskola. B'dan il-mod, il-volontarjat mal-SVE huwa mezz li wieħed ikun attiv fis-soċjetà u jesprimi s-solidarjetà fost iż-żgħażaġh Ewropej filwaqt li jkun qed itejjeb l-opportunitajiet għall-impjeg tiegħu.

Il-Programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini¹¹ tal-UE jsostni medda wiesgħa ta' attivitajiet u organizzazzjonijiet li jippromwovu ċ-ċittadinanza Ewropea, pereżempju permezz ta' proġetti ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet. F'dan il-programm tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-volontarjat. Tabilħaqq, il-volontarjat intgħażel bħala prijorità fil-programm għall-2011.

L-organizzazzjoni tal-komunitajiet Rurali Ewropej "The Charter of European Rural Communities" (CERC,) iffinanzjata mill-programm l-Ewropa għaċ-Ċittadini, tikkonsisti minn kooperazzjoni bejn 27 komunità rurali żgħar, waħda minn kull Stat Membru tal-UE. L-attivitajiet tas-CERC għandhom il-mira li joħlqu l-opportunitajiet biex iċ-ċittadini Ewropej "jiltaqgħu madwar il-mejda tal-kċina", u jkollhom l-opportunità li jikkomunikaw flivell transkonfinali, poplu ma' poplu, filwaqt li jesploraw it-temi u jikkooperaw foqasma bħalma huma l-parteċipazzjoni fid-demokrazija lokali, ir-rwol taż-żgħażaġh fid-demokrazija lokali u l-benessri taċ-ċittadini anzjani. L-attivitajiet jiddependu ħafna mill-appoġġ tal-volontiera li jgħnu fl-organizzazzjoni tal-avvenimenti tas-CERC u fit-tiftix tal-akkomodazzjoni għall-mistednin fil-postijiet fejn ikunu qed isiru dawn l-avvenimenti.

Il-Programm ta' Tagħlim tul il-Hajja¹² jinkludi l-programm Grundtvig li jippromwovi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini Ewropej fi proġetti tal-volontarjat fpajjiż Ewropew differenti u b'hekk jippermetti li jittgħallmu u jpartu l-għarfien u l-esperjenza tagħhom minn pajjiż għal ieħor.

Il-Mużew ta' Manchester u l-Mużew tal-Arti ta' Budapest żviluppaw Proġett Grundtvig għall-Volontiera Anzjani li jiffoka fuq l-inklużjoni ta' nies ta' l fuq minn 50 sena. Fil-qalba ta' dan il-proġett kien hemm programm ta' skambju li permezz tiegħu sitt volontiera miż-żewġ

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30-44.

¹¹ Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006//KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006, ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32-40.

¹² Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

mużewijiet ħadu sehem fi żjarat ta' skambju fiż-żewġ mużewijiet u kellhom l-opportunità li jivvolontarjaw f'pajjiż mhux tagħhom. Dan il-proġett ħoloq pjattaforma fejn jista' jsir skambju tal-aħjar prassi fost il-mużewijiet li jaħdmu bil-volontiera f'pajjiżi differenti tal-Unjoni Ewropea.

Barra mill-programmi mmirati direttament lejn il-volontiera u l-ħidmiet ta' volontarjat, l-UE toffri medda wiesgħa ta' programmi ta' finanzjament li huma aċċessibbli għall-volontiera fl-oqsma tat-tqassim tal-ikel, tal-esklużjoni soċjali u tad-diskriminazzjoni, tal-ugwaljanza tas-sessi, tal-prevenzjoni tad-drogi, li jgħinu lill-vittmi tal-kriminalità¹³, fil-kura tas-saħħa pubblika, fil-ħarsien tal-konsumatur u fil-ħidmiet għall-ħarsien tal-ambjent u tal-klima.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tqajjem l-għarfien fost iċ-Ċittadini tal-UE u l-partijiet interessati dwar programmi diversi ta' finanzjament li jistgħu jintużaw mill-volontiera u għall-attivitajiet volontarji. Dan jiżgura li l-opportunitajiet ta' finanzjament għas-settur tal-volontarjat jintużaw bis-sħiħ.

2.2. Id-dimensjoni soċjali tal-volontarjat

2.2.1. Il-volontarjat bħala espressjoni taċ-ċittadinanza Ewropea

Il-volontarjat huwa marbut mill-qrib mal-għanijiet politiċi ġenerali tal-Kummissjoni li ttrinforsa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u tqiegħed liċ-ċittadini l-ewwel fit-tfassil tal-politiki¹⁴. Il-volontarjat jista' jikkomplementa l-intitolament għad-drittijiet taċ-ċittadini u jippromwovi l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-volontarjat transkonfinali, li fih il-potenzjal ta' taġġim interkulturali u l-iżvilupp ta' idendità Ewropea.

Barra minn hekk, il-volontarjat huwa element ta' innovazzjoni soċjali li jista' jimmobilizza l-kreattività tan-nies lejn l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u lejn użu aħjar ta' riżorsi skarsi¹⁵.

Il-Kummissjoni se tkompli ssostni s-settur tal-volontarjat permezz tal-programmi ta' finanzjament tagħha u permezz ta' programmi ta' politika ta' koeżjoni tal-UE f'għadd ta' oqsma politiċi.

Se tkompli taħdem fuq inizzjattivi li jippromwovu l-volontarjat transkonfinali fil-kuntest tas-Sena Ewropea għaċ-Ċittadini tal-2013.

2.2.2. Il-volontiera jżommu lis-soċjetà magħquda

Il-volontarjat isostni l-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali. Il-volontarjat ifisser li wieħed jaqsam mal-oħrajn u jgħinhom, u b'hekk titrawwem is-solidarjetà. Il-ħidmiet volontarji jgħibu tolleranza akbar fil-konfront ta' gruppi fis-soċjetà li huma żvantaġġati u jgħinu biex inaqqsu r-razziżmu u l-preġudizzju.

¹³ Hemm iżjed minn 20 000 volontiera jaħdmu ma' organizzazzjonijiet li jagħtu l-appoġġ lill-vittmi fl-Ewropa (Strengthening victim's rights in the EU, COM (2011) 274 finali tat-18.05.2011, p. 5)

¹⁴ "Political Guidelines for the next Commission (2009-2014)" (2009).

¹⁵ "Empowering people, driving change: Social innovation in the European Union" (BEPA 2010). Bl-appoġġ tas-seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka, il-Kummissjoni Ewropea biħsiebha ssostni l-istabbiliment ta' "Pjattaforma Soċjali" għal servizzi soċjali innovattivi li jindirizzaw fl-istess ħin ir-rwol tal-volontarjat fis-settur tas-servizzi.

Il-volontarjat huwa rikonoxxut ukoll li, liċ-ċittadini anzjani u lin-nies b'diżabbiltajiet, jifihom possibbiltajiet ġodda għat-tagħlim filwaqt li joffrilhom l-okkażjoni li jgħinu fil-formazzjoni tas-soċjetà. Fl-istess ħin, il-ħidmiet volontarji jistgħu jtejbu l-ftehim bejn il-ġenerazzjonijiet meta l-anzjani u ż-żgħażaġh jaħdmu flimkien u jappoġġaw lil xulxin.

Fil-livell individwali, il-volontarjat jista' jkun mezz li bih iċ-ċittadini jakkwistaw ħilet soċjali, li permezz tiegħu huma jkollhom rwol validu, u li jgħinhom jagħmlu konnessjoni, jew iġeddu l-konnessjoni tagħhom mas-soċjetà. F'livell soċjali, jista' jagħti s-setgħa lin-nies, speċjalment lill-gruppi żvantaġġati fost is-soċjetà.

Bl-istess mod, il-volontarjat fil-qasam tal-ambjent għandu rwol importanti fil-ħarsien u t-titjib tal-ambjent kemm għall-ġenerazzjoni tal-lum kif ukoll għal dawk tal-ġejjieni, filwaqt li jżid l-għarfien dwar kwistjonijiet ambjentali u ċ-ċans li n-nies jadottaw prattiċi favur l-ambjent¹⁶. Pereżempju, fir-Renju Unit, il-British Trust for Conservation Volunteers (BTCV) (Fond Brittanniku għall-Volontiera fil-qasam tal-Konservazzjoni) jaħdem b'iżjed minn 300 000 volontiera kull sena, u fis-Slovakkja, il-volontarjat fil-qasam tal-ambjent jagħmel 13,3 % tal-volontarjat totali¹⁷.

Biex tqajjem l-għarfien u biex tindirizza l-problema ta' skart fl-ibħra u l-oċeani, kull sena l-Fondazzjoni Surfrider torganizza "Ocean Initiatives: the largest eco-citizens' rally in Europe" (l-Inizjattivi għall-Oċeani: l-ikbar laqgħa taċ-ċittadini favur l-ambjent fl-Ewropa), li jieħdu sehem fiha 40 000 volontiera li jaħdmu fuq firxa tal-fuq minn 1 000 ħidma ta' tindif ta' xtajta, lagi, xmajjar u qiegħ l-ibħra fl-Ewropa u fil-bqija tad-dinja¹⁸.

Il-Kummissjoni qiegħda taħseb li tintroduċi proposti li jindirizzaw il-volontarjat fl-istrateġija tal-UE dwar l-impjiegi, fil-għlieda tagħha kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u fil-kuntest tal-inizjattiva tal-Kummissjoni "Ħilet Ġodda għal Impjiegi Ġodda".

2.2.3. L-edukazzjoni u l-volontarjat

Il-ħidmiet tal-volontarjat jistgħu jkunu jew attivitajiet ta' tagħlim strutturat (dak li jgħidulu tagħlim mhux formali) li jipparteċipa fihom intenzjonalment il-volontier, jew tagħlim mhux strukturat u mhux intenzjonat (dak li jgħidulu tagħlim informali). Fil-każ tat-tnejn, it-tagħlim tal-volontiera mhux soltu li jiġi ċċertifikat. Għalhekk ir-rikonoxximent tal-volontarjat bħala forma ta' tagħlim huwa prijorità tal-UE fl-azzjoni tagħha ta' taħriġ u edukazzjoni. Fuq il-prinċipji komuni adottati mill-Kunsill fl-2004¹⁹, iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, Cedefop, ippubblika "European guidelines for validating non-formal and informal learning", li jipprovdi għodda għall-iżvilupp ta' prassi ta' ċertifikazzjoni li jkopru wkoll il-qasam tal-volontarjat.

¹⁶ Il-volontarjat u l-ambjent:

http://community.cev.be/download/130/434/Fact_sheet_DG_ENV_environment.pdf

¹⁷ CSVnet – National Coordination Body of Voluntary Support Centres, 2009. "Brief compendium of the research: Volunteering across Europe. Organisations, promotion, participation", p. 17.

¹⁸ Il-ġabra ta' tagħrif għall-istampa Initiatives océanes 2011: http://www.surfrider.eu/fileadmin/documents/io11/dp/20110228_DP-IO2011_EN.pdf

¹⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill dwar il-Prinċipji Komuni Ewropej għall-identifikazzjoni u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (Mejju 2004).

Il-mobbiltà għall-għan tat-tagħlim hija mod li bih iċ-ċittadini jeżerċitaw id-dritt tal-moviment liberu fl-UE. Il-volontarjat transkonfinali huwa eżempju ta' dan it-tip ta' mobbiltà bl-għan ta' tagħlim.

Il-Kummissjoni qed taħdem fuq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali li tinkludi d-dimensjoni tal-volontarjat.

F'livell prattiku, ix-xogħol volontarju u l-ħiliet li jakkwistaw il-volontiera permezz tal-volontarjat jistgħu jintwerew fid-dokumenti Ewropass²⁰ u se jiġu integrati fil-"Passaport Ewropew tal-Ħiliet" fil-futur.

2.2.4. *Iż-żgħażaġh u l-volontarjat*

Il-parteciġazzjoni attiva taż-żgħażaġh fis-soċjetà tista' titrawwem permezz tal-volontarjat. Meta ż-żgħażaġh ikunu mgħarrfin sew dwar il-volontarjat u jkollhom esperjenzi pożittivi tiegħu, hemm ċans kbir li jibqgħu attivi fil-volontarjat tul hajtthom, u jispiraw lil żgħażaġh oħra biex jivvolontarjaw warajhom.

Il-Kummissjoni għażlet il-ħidma volontarja għaż-żgħażaġh bħala waħda mill-prijoritajiet tal-proċess ta' kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażaġh li tnieda fl-2001, flimkien mal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar iż-Żgħażaġħ, li ġie wara. Fl-Istrateġija l-għdida għaż-Żgħażaġħ, il-volontarjat ġie rikonoxxut bħala qasam politiku ewlieni li jaffettwa liż-żgħażaġh tal-Ewropa²¹.

Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Mobbiltà tal-Volontiera Żgħażaġħ tfittex li tagħti spinta lill-kooperazzjoni bejn l-organizzaturi tal-ħidmiet volontarji fl-Istati Membri tal-UE. Hi tistieden lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżviluppaw ħidmiet volontarji u jifflu dawn il-ħidmiet għaż-żgħażaġh minn pajjiżi oħra tal-UE²².

Il-volontarjat taż-Żgħażaġħ isostni l-inizjattiva ewlenija " Żgħażaġħ Attivi"²³ tal-Istrateġija Ewropa 2020, billi jqiegħed liż-żgħażaġh fiċ-ċentru tal-viżjoni tal-UE ta' ekonomija msejsa fuq l-għarfien, fuq l-innovazzjoni, fuq livelli għolja ta' edukazzjoni u ħiliet, fuq swieq tax-xogħol inklussivi u fuq partiċipazzjoni attiva fis-soċjetà.

Fl-2012, l-Istati Membri se jirrapportaw lura lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Mobbiltà ta' Volontiera Żgħażaġħ fl-Unjoni Ewropea. Imbagħad abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tagħmel il-proposti tagħha għal żvilupp ulterjuri.

²⁰ Id-Deċiżjoni 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6-20.

²¹ Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni – Metodu miftuħ u mgħedded ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet, COM(2009) 200 finali tas-27.04.2009.

²² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Mobbiltà ta' Volontiera Żgħażaġħ fl-Unjoni Ewropea, 2008/C 319/03 tat-13.12.2008.

²³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Żgħażaġħ Mobbli — Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażaġh biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal [intelliġenti], sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea, COM(2010) 477 finali tal-15.09.2010.

2.2.5. *L-isports u l-volontarjat*

L-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea titlob lill-UE biex tqis l-istrutturi msejsa fuq il-ħidmiet volontarji meta tkun qed tippromwovi l-isport Ewropew.

Fl-2002 fl-“Aarhus Declaration on Voluntary Work in Sport” l-Istati Membri rrikonoxxew il-kontribut sinifikanti għall-isports u għall-valur ekonomiku tiegħu tal-ħidma volontarja. Il-volontarjat kien ukoll wieħed mis-suġġetti ewlenija fil-White Paper tal-Kummissjoni tal-2007 dwar l-Isports fejn insab li l-ħidmiet volontarji fis-settur tal-isports isaħħu l-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni, jippromwovu d-demokrazija lokali u ċ-ċittadinanza u jagħtu okkażjonijiet għall-edukazzjoni mhux formali²⁴. F'Mejju 2011 il-Kunsill identifika l-volontarjat fl-isports bħala tema prijoritarja għall-kooperazzjoni f'livell tal-UE fir-Riżoluzzjoni dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isports.

Is-settur tal-isports jista' jimmobilizza aktar volontiera minn kull settur ieħor. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, il-moviment sportiv ma kienx ikun jeżisti mingħajr il-volontarjat. Iżda d-differenzi bejn l-Istati Membri huma kbar ħafna, u hemm minnhom li għandhom livelli baxxi ħafna ta' volontarjat fl-isports²⁵. L-Istati Membri li għandhom livell għoli ta' volontarjat fl-isports x'aktarx li jkollhom kultura b'saħħitha ta' volontarjat u strutturi xierqa, iżda jkollhom ukoll l-appoġġ tal-awtoritajiet pubbliċi²⁶.

Fil-qafas tal-Ħidma Preparatorja tal-2010 fil-qasam tal-isport, il-Kummissjoni qegħda tiffinanzja erba' proġetti gwida dwar il-volontarjat u l-isports.

2.2.6. *Il-volontarjat tal-impjegati bħala espressjoni ta' responsabbiltà soċjali korporattiva*

Bħala espressjoni tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva tagħhom, kemm is-settur privat kif ukoll dak pubbliku għandhom jistgħu jagħtu kontribut importanti fil-promozzjoni tal-ħidmiet volontarji. Billi jinvestu fil-volontarjat tal-impjegati, mhux biss jagħmlu "t-tajjeb" fil-komunità lokali, iżda wkoll itejbu r-reputazzjoni u l-impresjoni li jagħtu lill-pubbliku, ikunu qegħdin jgħinu biex joħolqu spirtu ta' solidarjetà fost l-impjegati, iżidu s-sodisfazzjon fix-xogħol u jżidu l-produttività filwaqt li jkunu qegħdin jippermettu lill-impjegati jew lill-uffiċjali li jiżviluppaw ħiliet ġodda.

Fl-2011 il-Kummissjoni nediet inizjattivi li jfittxu li jippromwovu l-volontarjat fost il-personal tagħha. Dawn jinkludu riżorsi fuq l-intranet li jagħtu tagħrif lill-personal dwar l-opportunitajiet għall-volontarjat, prassi tajba u liniji gwida prattiċi għall-personal li jixtieq jieħu sehem f'ħidmiet volontarji²⁷.

²⁴ White paper dwar l-isport, COM (2007) 391 finali tal-11.07.2007.

²⁵ "Volunteering in the European Union" (GHK 2010), p. 216.

²⁶ " Volunteering in the European Union " (GHK 2010), pp. 214-215 li jirreferi wkoll għall-introjtu għall-organizzazzjonijiet sportivi.

²⁷ Ara <http://myintracomm.ec.europa.eu/serv/en/Volunteering/> Ta' min isemmi wkoll li l-personal tal-Kummissjoni jorganizza u jmexxi inizjattivi ta' karità bħalma huma x-Schuman Trophy, il-kampanja "Shoebbox for the homeless", il-grupp ta' appoġġ għal min hu milqut mill-kanċer, id-delegazzjoni tal-UE tal-ATD Quart Monde, jew l-assoċjazzjoni maħluqa riċentement GIVE EUR-HOPE.

2.2.7. Ir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi u l-volontarjat

2.2.7.1. Il-Promozzjoni tal-mobbiltà ta' volontiera minn pajjiżi terzi fl-UE

Il-benefiċċji reċiproki tal-volontarjat li joħorġu mill-migrazzjoni fl-UE ta' volontiera minn pajjiżi terzi wkoll għandhom jiġu rikonoxxuti. F'dan il-kuntest, id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE²⁸ toħloq qafas ta' referenza għall-kundizzjonijiet minimi komuni għad-dħul u r-residenza ta' volontiera ġejjin minn pajjiżi terzi li ma jiddependix fuq il-qagħda tas-suq tax-xogħol fil-pajjiż li qiegħed jospita. L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija fakultattiva għall-Istati Membri.

Fl-2011 il-Kummissjoni se tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE u, jekk ikun hemm bżonn, hi tikkunsidra li tipproponi l-emendi.

2.2.7.2. L-ġhajjnuna umanitarja u l-volontarjat

Il-qasam li fih l-Ewropej iqisu li l-volontarjat huwa l-iżjed importanti huwa dak tas-solidarjetà permezz tax-xogħol ta' ġhajjnuna umanitarja, u l-Kummissjoni Ewropea għandha l-impenn li tiegħu bis-serjetà l-fehmiet taċ-ċittadini Ewropej: abbażi tal-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni qiegħda tħejji ruħha biex tistabbilixxi Korp Ewropew ta' Volontarjat għall-Ġhajjnuna Umanitarja li għandu jservi ta' qafas għal kontributi konġunti minn volontiera Ewropej lejn il-ħidmiet ta' ġhajjnuna umanitarja tal-Unjoni Ewropea²⁹.

Dan il-korp ġdid se jagħti l-opportunità lill-volontiera minn Stati Membri differenti li jaħdmu flimkien fuq proġett komuni ta' ġhajjnuna umanitarja tal-UE bħala espressjoni tanġibbli tas-solidarjetà ma' nies li jkunu fil-bżonn. Huwa mistenni wkoll li joħloq opportunitajiet ġodda għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini Ewropej, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh. L-użu ta' volontiera Ewropej għandu l-għan ukoll li jsaħħaħ il-kapaċitajiet lokali, qasam li fih il-volontarjat jista' jagħmel differenza sew. Is-sostenn tal-volontiera fil-preparazzjoni kontra diżastri u f-attivitajiet ta' rkupru b'mod partikolari se jikkontribwixxi għas-sisien ta' proċessi marbutin ma' ħidmiet tal-UE qabel jew wara xi kriżi fil-qasam tal-ġhajjnuna umanitarja.

Fl-2011 il-Kummissjoni qiegħda tiffinanzja proġetti ewlenin li għandhom l-għan li jagħżlu, iħarrġu u jutilizzaw l-ewwel volontiera tal-Korp Ewropew ta' Volontarjat għall-Ġhajjnuna Umanitarja. Ir-riżultati ta' din il-fażi ta' prova u r-riżultat tar-reviżjonijiet u l-konsulti u tal-istima tal-impatt meħudin flimkien ma' għadd ta' snin ta' esperjenza ta' organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, se jippermettu lill-Kummissjoni li tadotta proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Korp Ewropew ta' Volontarjat għall-Ġhajjnuna Umanitarja fl-2012.

²⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju; ĠU L 375, tat-23.12.2004, p. 12.

²⁹ Kif iċ-ċittadini tal-UE jesprimu s-solidarjetà tagħhom permezz tal-volontarjat: L-ewwel riflessjonijiet ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Ġhajjnuna Umanitarja, COM(2010) 683 finali tat-23.11.2010.

2.2.7.3. Il-politiki tal-iżvilupp u l-volontarjat

Il-volontiera jista' jkollhom rwol sinifikanti fil-kooperazzjoni fuq l-iżvilupp, kemm bħala individwi kif ukoll fil-qafas ta' ħidmiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fil-biċċa l-kbira, ix-xogħol volontarju jżid l-effikaċja tal-isforzi ta' dawn l-organizzazzjonijiet u jikkonferma li huma ma għandhom l-ebda skop ta' qliegħ.

Il-Kummissjoni ma tappoġġax direttament lill-volontiera individwali, iżda tappoġġahom indirettament billi tuża l-istrumenti legali u finanzjarji biex issostni l-proġetti li jaħdmu favur l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawn il-gruppi dejjem iktar qegħdin jikkontribwixxu fit-tiswir ta' politiki tal-iżvilupp fid-dinja li qed tiżviluppa, b'mod partikolari billi jaqsmu aktar ir-responsabbiltà għat-tnaqqis tal-faqar. Minkejja li l-Kummissjoni tiddependi b'mod konsiderevoli fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-politika ġenerali tal-UE dwar l-iżvilupp, fl-aħħar mill-aħħar jiddependi minn dawn l-organizzazzjonijiet biex jiddeċiedu għandhomx jużaw is-servizzi tal-volontiera flok is-servizzi tal-persunal professjonali li jitħallas, kemm fl-Ewropa kif ukoll mal-bqija tad-dinja.

3. KONKLUŻJONIJET: IL-PASSI LI JMISS

Il-volontarjat huwa parti integrali tas-soċjetà tagħna. Huwa jsostni l-valuri fundamentali ta' inklużjoni u ċittadinanza. Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tenfasizza l-importanza tal-volontarjat matul is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011. Il-Kummissjoni qed taħdem flimkien mal-partijiet interessati rilevanti kollha biex tiżgura li s-Sena Ewropea tħalli effett sinifikattiv u dewwiemi.

Il-konklużjonijiet li ġejjin se jitkomplew u jiġu aktar żviluppati waqt is-Sena Ewropea:

- Il-volontarjat huwa ħallieq importanti ta' kapital uman u soċjali, huwa mezz ta' integrazzjoni u impjeg u fattur ewlieni fit-titjib tal-koeżjoni soċjali. Huwa espressjoni viżibbli ħafna taċ-ċittadinanza Ewropea, għaliex il-volontiera jikkontribwixxu fit-tiswir tas-soċjetà u biex jgħinu lin-nies fil-bżonn.
- Il-potenzjal tiegħu jista' jiġi żviluppat aktar fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020 għat-ktabbir. Il-volontiera huma riżorsi importanti fl-ekonomija u fis-soċjetà tagħna, iżda ma għandhomx jitqiesu bħala alternattiva għall-forza tax-xogħol regolari.
- Bil-promozzjoni tal-volontarjat transkonfinali f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u permezz ta' programmi ta' finanzjament tal-UE, l-UE tikkontribwixxi lejn il-mobbiltà u t-tagħlim interkulturali taċ-ċittadini tagħha u tirrinforza l-identità Ewropea tagħhom.

Rakkomandazzjonijiet politiċi lill-Istati Membri

B'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni mhijiex biħsiebha tippromwovi mudell wieħed ta' volontarjat, jew tarmonizza l-kulturi tal-volontarjat f'livelli lokali jew reġjonali. Iżda l-Kummissjoni tirrikmanda li l-Istati Membri jagħmlu użu aħjar tal-potenzjal tal-volontarjat b'dawn il-mezzi li ġejjin:

- F'pajjiżi li ma għandhomx qafas ta' volontarjat u fejn it-tradizzjoni jew il-kultura tal-volontarjat tkun dgħajfa, l-istabbiliment ta' oqfsa legali jista' jagħti l-inċentivi li jsostnu l-iżvilupp tal-volontarjat.
- Ir-riċerka u l-għbir tad-dejta dwar il-volontarjat għandhom ikunu inkoraġġuti f'livell nazzjonali. F'dan il-kuntest, huwa rikkmandat l-użu tal-Manual on the Measurement of Volunteer Work tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u l-Handbook on Non-Profit organisations tal-Ġnus Magħquda.
- Ir-rikonoxximent tal-kompetenzi u l-ħiliet akkwistati permezz tal-volontarjat bħala esperjenzi ta' taġlim mhux formali huwa essenzjali bħala fattur li jimmotiva lill-volontiera u huwa fattur li jgħaqqad il-volontarjat mal-edukazzjoni.
- L-Istati Membri għandhom ineħħu x-xkiel li jifdal li direttament jew indirettament jimpedixxi l-volontarjat b'mod ġenerali u b'mod partikolari l-volontarjat transkonfinali.
- L-Istati Membri huma mistiedna li jiftħu skemi nazzjonali ta' volontarjat għall-volontarjat transkonfinali biex jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp tal-volontarjat fl-Unjoni Ewropea.

Azzjonijiet konkreti għar-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-volontarjat fil-livell tal-UE:

L-UE għandha l-impenn li tiżgura prosegwiment għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 fuq medda twila ta' żmien, u li tkompli d-djalogu mal-partijiet interessati rilevanti fl-oqsma politiċi differenti li għandhom x'jaqsmu mal-volontarjat.

- Fl-2012 i-Kummissjoni se tipproponi l-ħolqien ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.
- Programmi ta' finanzjament tal-UE f'oqsma politiċi differenti se jkomplu jkunu mmirati lejn il-volontiera u se jippromwovu l-volontarjat transkonfinali.
- Il-Kummissjoni se tagħmilha iżjed faċli li ċ-ċittadini tal-UE u l-partijiet interessati jkollhom stampa ġenerali ta' programmi differenti ta' finanzjament li jistgħu jintużaw mill-volontiera u għall-ħidmiet volontarji.
- Il-Kummissjoni hija lesta li tkompli tesplora l-possibiltajiet biex issaħħaħ ir-rabta bejn il-volontarjat u s-saħħa/l-welfare, b'mod partikolari fir-rigward tas-soċjetà li qiegħda tixjieħ.
- Abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Mobbiltà tal-Volontiera Żgħażaġħ fl-2012, il-Kummissjoni se tagħmel il-proposti għal iżjed żvilupp.
- Il-Kummissjoni qiegħda taħseb li tintroduċi proposti li jindirizzaw il-volontarjat fl-istrateġija tal-UE dwar l-impjiegi, fil-ġlieda tagħha kontra

l-faqar u l-esklużjoni soċjali u fil-kuntest tal-inizjattiva tal-Kummissjoni "Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda".

- Il-Kummissjoni qiegħda tħejji proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali li tinkludi r-rikonoxximent tal-kompetenzi li jiġu akkwistati permezz tal-volontarjat.
- Il-"Passaport Ewropew tal-Ħiliet" tal-ġejjieni se joffri l-opportunità lill-individwi li jżommu regjistru tal-ħiliet u l-kompetenzi li jakkwistaw permezz tal-volontarjat.
- Il-Kummissjoni se tagħti dimensjoni xierqa għall-volontarjat matul is-Sena Ewropea għaċ-Ċittadini li ġejja (2013), u se tippromwovi b'mod partikolari l-volontarjat transkonfinali.